MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2001

Numru 188/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Neville Aquilina)**

**vs**

**Atwair Azawam Azawam ta' 33 sena, iben Atwair Azawam u Aisha Shahud, imwieled Khoms, Libya fil-5 ta' Frar, 1968, u joqghod 109, "Yale", Flat 8, Triq Pierre Muscat, Rabat, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 319496 (M).**

**Illum 10 ta' Lulju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Atwair Azawam Azawam li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-13 ta' Marzu, 2001 u matul dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-

data, b'diversi atti ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoniji tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Minghajr il-permess tal-Ministru, minghajr ma kien negozjant awtorizzat, f'Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minghand, jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma kinitx negozjant awetorizzat u dan ai termini tal-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkustanzi hawn fuq imsemmija bhala persuna li ma kienx negozjant awtorizzat, kellu il-pussess jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, offra dak id-debeh jew dawk il-flus barranin, jew ra li jigu offerti, ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat u dan minghajr il-permess tal-Ministru u dan ai termini tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 233 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju,
Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkustanzi hawn fuq imsemmija kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew skond dan l-Att u li fiehem jew ipprova jew ghen, hajjar, ta parir jew qabbad xi persuna ohra, sabiex tikser xi restrizzjoni jew htiega kif imsemmija f'dan l-Att u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kap 233 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju,

U b'hekk Atwair Azawam Azawam se jitqies recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li saret definittiva (06/11/97).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 181).

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 181).

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex ai termini ta' l-artikolu 48 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju (Kap 233) jittiehdu proceduri kriminali kontra Atwair Azawam Azawam (a fol 5).

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji u li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (a fol 6).

Semghet il-provi kollha prodotti.

Rat ukoll li fil-verbal tas-6 ta' Lulju, 2000 l-akkuzat irregistra l-ammissjoni tieghu fil-konfront ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat,

Illi in vista ta' l-ammissjoni tieghu il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 4(1), 5(1), 39 , u 41 tal-Kap 233 u l-artikolu 18 u 17 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat ukoll l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9. Ikkonsidrat dwar il-piena li kif ben qal l-abbli avukat difensur, gudikant ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat in ivsta li tali ammissjoni giet registrata qabel ma l-Prosekuzzjoni lahqet ghalqet il-provi taghha, dan ghalhekk jghin fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Semghet ukoll il-partijiet li qblu li l-akkuzat bl-informazzjoni li ta lill-Prosekuzzjoni ghen fl-investigazzjonijiet ulterjuri taghhom. Rat ukoll l-artikolu 31 tal-kap 9. Ikkonsidrat illi in vista ta' dak kollu premess, pero' bla ma trid tnaqqas mis-serjeta' tar-reati kommessi mill-akkuzat, illi piena karcerarja ma tkunx wahda idonea. Rat l-artikolu 41 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda tikkundanna lill-akkuzat Atwair Azawam Azawam ghal multa ta' disa' mitt lira Maltin (Lm 900). Rat ukoll l-artikolu 42 tal-kap 233 u tordna l-konfiska tal-flus u dokumenti kollha esebiti u mmarkati Dok NA 1, Dok NA 2, Dok NA , Dok NA 4, Dok NA 5, u Dok NA 6.

Rat ukoll il-verbal ta' l-Avukat Difensur a tenur ta' l-art 14 tal-kap 9 u tawtorizza lill-akkuzat ihallas is-somma b'rati mensili fi zmien sena.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.